# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' April, 2024.**

**Numru 12**

**Appell Numru 592/2023/1**

**Transporter Limited (C 66690)**

**v.**

**a) Ministeru Għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal**
**b) Daniel Cassar eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem DC Property Services**
**c) Dipartiment tal-Kuntratti**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Transporter Limited kontra deċiżjoni mogħtija mill-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi fit-23 ta' Ottubru, 2023, li permezz tagħha ċaħad l-oġġezzjoni tagħha dwar it-twarrib tal-offerta mressqa minnha fis-sejħa pubblika għall-offerti

bin-numru ta' riferenza CT3050/2022.

**Daħla**

2. Fis-17 ta' April, 2023, id-Dipartiment tal-Kuntratti ħabbar sejħa pubblika għall-offerti (CT3050/2022) bl-isem ta' *«Tender for the Provision, Packaging and Delivery of Food Items To Various Distribution Centres in Malta and Gozo for Collection by End Recipients».*

3. Kif jixhed isimha stess, l-għan wara l-ħruġ ta' din is-sejħa pubblika għall-offerti, huwa sabiex l-offerent magħżul jipprovdi lill-awtorità kontraenti pakketti mimlija b'dawk il-prodotti tal-ikel imniżżla fl-appendiċi mehmuża flimkien mat-Tielet Taqsima tad-dokument tas-sejħa (ara f'dan is-sens, paragrafu 2.2.1. tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, f'paġna 13 tad-dokument tas-sejħa).

4. Fost il-prodotti tal-ikel li tniżżlu fl-appendiċi li għadha kif issir referenza għaliha kien hemm dak tal-għaġin. Dwar dan, l-appendiċi taqra kif ġej:

| Qty. | Food Item | Capacity | Specifications | Expiry / Best Before/ Use by Date | Packaging |
|---|---|---|---|---|---|
| 1pkt | Pasta | At least 1000 grams | 1. Dry<br>2. White<br>3. Pasta: Along with the duration of the contract, the contractor | At least 20 months | Any |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | should provide at least three different kinds of pasta, which has to be of the same kind in each delivery, from the following varieties: farfalle, fusilli, macaroni, penne and spaghetti | | |

5. Fl-ewwel paġna tad-dokument li permezz tiegħu l-operaturi ekonomiċi kellhom iressqu l-offerta teknika tagħhom, l-awtorità kontraenti kompliet tagħti dan it-tagħrif:

> *«This form is to be submitted online through the prescribed tender response format and by using the Tender Preparation Tool provided. Bidders are to state the brand and the model of the supplies being offered in response to the specifications requested under Section 3 – Technical Specifications and Appendix 1*
>
> *Tenderers that fail to complete and upload the requested information will be deemed as non-compliant and will not be considered further for final adjudication. The information/ technical specifications provided in the below table shall not be subject to rectifications.*
>
> *For each item offered, the respective supporting documents and printed manufacturer's technical literature are to be submitted by the bidder as per form marked "Literature".»*

6. Skont paragrafu 6.1 tal-Ewwel Taqsima tad-dokument tas-sejħa, il-kriterju li bih kellha tiġi aġġudikata din is-sejħa għall-offerti kien dak ta' l-orħos offerta li tissodisfa l-kriterji tekniċi u amministrattivi.

7. Fost l-operaturi ekonomiċi li ressqu l-offerta tagħhom għal din is-sejħa kien hemm il-kumpanija Transporter Limited u Daniel Cassar. L-offerta ta' Transporter Limited iġġib in-numru ta' referenza '192747' u hija għall-prezz ta' €1,424,640.00, filwaqt li dik ta' Cassar iġġib in-numru ta' referenza ta' '192767' u hija għall-prezz ta' €1,507,520.00.

8. B'ittra datata 6 ta' Ġunju, 2023, il-Ministeru appellat bagħat jgħarraf lil Transporter Limited li waqt l-għarbiel tal-offerti, il-Kumitat ta' Evalwazzjoni kien sab xi affarijiet nieqsa fl-offerta tagħha, inkluż il-letteratura dwar l-għaġin. F'dan ir-rigward, Transporter Limited ġiet mitluba sabiex issewwi n-nuqqasijiet tagħha billi tissottometti il-letteratura bil-għan li tikkorrobora l-offerta teknika tagħha. Transporter ġiet ukoll imwissija li jekk kienet ser tonqos milli tindirizza n-nuqqasijiet mgħarrfa lilha fi żmien ħamest ijiem utli, l-offerta tagħha kienet ser titwarrab billi titqies mhux konformi.

9. B'deċiżjoni mitbugħa fl-1 ta' Settembru, 2023, id-Dipartiment tal-Kuntratti għarraf lill-offerenti li ħadu sehem f'din is-sejħa għall-offerti, li l-offerta magħżula kienet dik ta' Daniel Cassar.

10. B'ittra datata fl-istess jum tal-1 ta' Settembru, 2023, id-Dipartiment tal-Kuntratti kiteb lil Transporter Limited u għarrafha li l-offerta tagħha kienet ġiet imwarrba billi l-offerta tagħha tqieset bħala teknikament mhux konformi għal dawn ir-raġunijiet:

> *«EO was requested to rectify his position by submitted technical literature of the following items: Coffee, Tomatoes, Tuna, Fruit-mixed-in juice or in light syrup, Vegetables in Tin, Whole-Wheat Cereal, Pasta, Rice, Dried Pulses that corroborates the bidder's technical offer. By the deadline bidder replied to the rectification request, however failed to provide: 3 types of pasta and the two-pasta provided were different as specified in Appendix 1 of the Tender Document. Thus, for the reasons mentioned above, bid is deemed to be Technically Non-Compliant and could not be considered further»*

11. Billi Transporter Limited ħassitha aggravata bit-twarrib tal-offerta tagħha, fil-11 ta’ Settembru, 2023, hija ressqet ittra ta’ oġġezzjoni quddiem il-Bord ta’ Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi kontra d-deċiżjoni tal-iskwalifika tagħha u kontra l-għoti tal-kuntratt lil Daniel Cassar. Hemmhekk hija argumentat li l-iskwalifika tagħha kienet inġusta għaliex hija kienet bagħtet il-letteratura kollha li ntalbet tressaq, kif ukoll għaliex fi kliemha ma kien hemm xejn fid-dokument tas-sejħa li kien jitlob lill-offerenti sabiex fl-istadju tat-tfigħ tal-offerti, jindikaw ix-xorta ta’ għaġin li kien beħsiebhom jipprovdu waqt l-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Fost affarijiet oħra, Transporter ikkontestat ukoll ir-raġuni li l-għaġin offrut minnha ma kienx jaqbel mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, u wara li saħqet li l-offerta tagħha kienet teknikament konformi, argumentat li hija kellha tirbaħ din is-sejħa għall-offerti billi l-offerta tagħha kienet l-orħos waħda.

12. B’deċiżjoni mogħtija fit-23 ta’ Ottubru, 2023, il-Bord ta’ Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi, iddeċieda l-każ hekk:

> *«This Board, after having examined the relevant documentation to this appeal and heard submissions made by all the interested parties including the testimony of the witnesses duly summoned, will now consider Appellant’s grievances.*
>
> *It is this Board’s opinion that the facts of the case are clear and are not being challenged by either party. Therefore, what needs to be analysed are the following:*
>
> 1) *The Technical Literature submission following the rectification request issued by the Evaluation Committee and whether, or otherwise, it satisfies the requirements of the tender document. (therefore encapsulating the first four grievances of the appellant).*

2) *Appellant's bid is €82,800 cheaper than the recommended bidder. (being the fifth grievance of the appellant).*

*a) The Technical Literature submission –*

*i. Relevant to these proceedings is 'Appendix 1 – Food Package' of the tender documents which for the 'Pasta' food item listed the following 'Specifications':*

*I. Dry*
*II. White*
*III. Pasta. Along the duration of the contract (the contractor should provide at least **<u>three</u>** different kinds of pasta, which has to be of the same kind in each delivery, from the following varieties: **<u>farfalle, fusilli, macaroni, penne and spaghetti</u>**. (bold & underline emphasis added)*

*ii. Also relevant is the following extract in the Technical Offer which states "For each item offered, the respective supporting documents and printed manufacturer's technical literature are to be submitted by the bidder as per form marked "Literature"."*

*iii. From the above, which in the Board's opinion is clear and unambiguous, economic bidders where to present technical literature of three (3) types of pasta out of the five (5) categories mentioned above (i.e. farfalle, fusilli, macaroni, penne and spaghetti).*

*iv. Without going into the merits of whether 'spagetthoni' should have been accepted as a 'substitute' of 'spaghetti', it is still clear and obvious that the appellant did not meet the requirements of the specifications imposed on it due to the fact that it submitted two (2) types of pasta (instead of the required three (3)). Moreover, the submitted 'Rigatoni' is certainly not one of the pasta types which was mentioned in the tender dossier.*

*v. It goes without saying that the technical literature to be provided should be relevant and be able to corroborate the economic bidder's submission in accordance with the requirements of the tender document.*

*vi. The Board notes that a 'Rectification request' was duly issued to the appellant by the evaluation committee, in total observance of the regulations. It is this Board's opinion that the rectification request was also clear and unambiguous and it did not need to necessarily specify that technical literature in reference to three (3) types of pasta was required to be submitted by the appellant, when it made reference to the tender dossier which already and unambiguously mentioned these.*

*vii. Finally, with regards to the arguments in reference to the sample, it is to be noted that the General Rules Governing Tenders do not impose on the evaluation committee an obligation to request samples on a mandatory basis but states "Wherever applicable, tenderers may be requested to submit samples so that the Evaluation Committee will corroborate the technical compliance of the offers received.". Once the bid of the appellant was deemed to be technically non-compliant due to missing technical literature, the request for a sample would have been futile and could not be used as a tool to 'save' the bid of the appellant. It is also to be noted that a second rectification request on the same topic cannot be issued.*

*b) Cheaper bid –*

*i. This Board makes reference to PCRB case 1926 […] which states that "As stated on numerous occasions, in order for a bid to make it to the financial evaluation part of the process, it must duly 'pass' and satisfy the tests of the administrative and technical requirements."*

*ii. Reference is also made to paragraph 6 of section 1 of the tender dossier which states that "The sole award criterion will be the price. The contract will be awarded to the tenderer submitting the cheapest priced offer satisfying the administrative and technical criteria." (bold & underline emphasis added)*

*iii. Hence, even though, the offer of the appellant is indeed cheaper than the other bids submitted by other economic operators in this tendering process, in order for it to be considered for financial evaluation, it must first satisfy the administrative and technical requirements as duly stipulated in the tender dossier.*

*iv. If this procedure would not have been followed by the Evaluation Committee, it would have resulted in clear breach of the principles of equal treatment and that of self-limitation.*
*Hence this Board does not uphold all the grievances of the appellant.*

*The Board,*

*Having evaluated all the above and based on the above considerations, concludes and decides:*

*a) Does not uphold Appellant's Letter of Objection and contentions,*
*b) Upholds the Contracting Authority's decision in the recommendation for the award of the tender,*
*c) Directs that the deposit paid by Appellant not to be reimbursed»*

13. Transporter Limited ma qablitx ma' din id-deċiżjoni u b'rikors tal-appell imressaq fit-13 ta' Novembru, 2023, hija talbet lil din il-Qorti biex tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni mogħtija mill-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi u tibgħat l-atti lura lill-awtorità kontraenti sabiex tkun tista' tgħarbel mill-ġdid l-offerti u dan skont kull kundizzjoni li jidhrilha xierqa li għandha timponi.

14. Il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal u d-Dipartiment tal-Kuntratti wieġbu għall-Appell ta' Transporter b'risposta waħda li ressqu flimkien fl-1 ta' Diċembru, 2023. Minbarra li fissru għalfejn l-aggravji ta' Transporter m'humiex mistħoqqa, dawn qajmu wkoll preġudizzjali dwar il-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti.

15. Bi tweġiba mressqa fit-3 ta' Jannar, 2024, Daniel Cassar laqa' għal dan l-appell, billi filwaqt li fisser li kien qiegħed jikkontesta l-aggravji tal-appellanti għall-istess raġunijiet li ngħataw mill-Ministeru u d-Dipartiment appellati, żied jgħid li huwa ressaq l-offerta f'ismu personali u l-isem ta' 'DC Property Services' ma ssemma mkien minnu fl-offerta tiegħu.

16. Il-Qorti wara li qieset dan kollu, semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet fis-seduta tas-27 ta' Frar, 2024, u rat l-atti kollha tal-kawża, hija issa f'qagħda li tgħaddi għas-sentenza.

**Kunsiderazzjonijiet**:

17. Qabel ma tibda tistħarreġ l-aggravji tal-appellant jeħtieġ li qabel xejn tiġi ndirizzata l-preġudizzjali li l-Ministeru u d-Dipartiment appellati għoġobhom iqajmu fit-tweġiba għall-appell.

18. Fid-daħla għat-tweġiba għall-appell, dawn fissru li bħala ‘eċċezzjoni preliminari’ huma qegħdin iqajmu *«l-eċċezzjoni tal-ġurisdizzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti tal-Appell in kwantu hawn si tratta ta’ appell minn deċiżjoni ta’ bord tekniku illi huwa vestit [b’] diskrezzjoni fl-evalwar tal-offerti».*

19. Il-Ministeru u d-Dipartiment appellati sostnew il-preġudizzjali tagħhom billi għamlu referenza għas-sentenza fil-proċeduri fl-ismijiet ta’ ***Labopharm v. Id-Direttur tal-Kuntratti*** (mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta’ Mejju, 2015), li fiha kienu saru xi referenzi għal sentenzi oħrajn fosthom dawk fil-proċeduri fl-ismijiet ta’ ***Evropaiki Dynamiki v Kummissjoni*** (mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE fid-9 ta’ Settembru, 2010), u ***Pillow Space Frame Limited v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti*** (mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta’ Awwissu, 2013).

20. Fil-fehma tal-Qorti, il-preġudizzjali tal-Ministeru u d-Dipartiment

appellat dwar il-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija fiergħa, u messha qatt ma tressqet - speċjalment mid-Dipartiment tal-Kuntratti, li huwa mdorri sewwa jwieġeb għal appelli ta' din ix-xorta.

21. Mill-ittra ta' oġġezzjoni li tressqet minn Transporter Limited quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi, jidher ċar biżżejjed li dawn il-proċeduri nbdew b'riħet **Regolament 270 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**, li fost affarijiet oħra, jagħti lil kull offerent il-jedd li jappella minn deċiżjonijiet dwar ir-rifjut tal-offerta tiegħu, kif ukoll mid-deċiżjoni dwar l-għoti propost fil-kisba tal-kuntratt.

22. **Regolament 284 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**, jagħti mbagħad lil kull parti li tħoss ruħha aggravata minn deċiżjoni meħuda mill-Bord ta' Reviżjoni, sabiex tappella quddiem din il-Qorti kif imwaqqfa skont l-**Artikolu 41(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, u dan b'rikors ippreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti.

23. Huwa proprju dan li ġara f'dan il-każ, u kif tixhed it-talba finali tar-rikors tal-appell li tressaq fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Novembru, 2023, Transporter qiegħda bis-saħħa ta' **Regolament 284**, titlob lil din il-Qorti sabiex tħassar id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi u terġa' tibgħat l-atti lura lill-awtorità kontraenti sabiex l-offerta tagħha terġa' tiġi mgħarbula mill-ġdid.

24. Qajla għandu jkun hemm xi dubju li r-rimedju mitlub mill-appellanti jaqa’ għal kollox fil-kompetenza u s-setgħat li għandha din il-Qorti permezz ta’ **Regolament 286(2) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku** u għalhekk il-Ministeru u d-Dipartiment appellati qegħdin jgħidu ħażin li din il-Qorti m’għandhiex ġurisdizzjoni.

25. Filwaqt li dan huwa biżżejjed biex il-Qorti tgħaddi għall-istħarriġ tal-aggravji ta’ Transporter Limited, sabiex ikun ingħad kollox, il-Qorti qajla tqis li jista’ jkun ta’ xi fejda għall-appellanti dak li ngħad fis-sentenza ta’ ***Labopharm v. Id-Direttur tal-Kuntratti*** (mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta’ Mejju, 2015). Li kieku l-appellati qraw sewwa dik is-sentenza kienu dlonk jintebħu li l-kwistjoni f’dak l-appell ma kinitx dwar il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Appell, iżda dwar l-apprezzament mill-ġdid tal-provi, f’ċirkustanzi li fihom ir-rikors tal-appell kien jikkonsisti f’tennija tal-istess argumenti li tressqu u ġew mistħarrġa mill-Bord ta’ Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi.

26. Kemm hu hekk il-konklużjoni tal-Qorti fis-sentenza msemmija ma kinitx li l-Qorti ma kellhiex ġurisdizzjoni li tisma’ l-appell, iżda biss li fiċ-ċirkustanzi ta’ dak il-każ, il-Qorti dehrilha li ma kellhiex *«tiddisturba id-diskrezzjoni adoperata kemm mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni kif ukoll mill-Bord ta’ Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi billi l-konklużjonijiet minnhom raġunti kienu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mfassla fis-sejħa*

*għal-offerti mertu ta' dan il-każ.».*

27. Il-preġudizzjali tal-appellati Ministeru u Direttur tal-Kuntratti dwar il-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti qiegħda tiġi għalhekk **imwarrba** u l-Qorti ser tkun qiegħda tieħu kont ta' dan fil-kap tal-ispejjeż.

28. Ngħaddu issa għall-mertu proprju ta' din il-kwistjoni, u sewwasew l-aggravji ta' Transporter Limited, li fuq is-saħħa tagħhom qiegħda titlob it-tħassir tas-sentenza tal-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi.

29. Għalkemm li fir-rikors tal-appell tagħha, Transporter Limited qiegħda taqsam l-aggravji tagħha fi tmienja, fis-sewwa, il-Qorti tqis li dawk l-aggravji jistgħu jinġabu f'erbgħa u huma sewwasew: (i) dwar id-deċiżjoni tal-Bord li jħalli lill-membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni biex jixhdu quddiemu; (ii) dwar li l-offerta tagħha hija teknikament konformi mar-rekwiżiti tas-sejħa u għalhekk id-deċiżjoni ta' skwalifika ma kellhiex tiġi konfermata mill-Bord, (iii) dwar li l-offerta tagħha kienet l-orħos u għalhekk kellha tkun dik l-offerta li tiġi proposta għall-kisba tal-kuntratt mertu tas-sejħa għall-offerti in kwistjoni; u fl-aħħar nett (iv) dwar in-nuqqas ta' siwi tal-offerta proposta għall-kisba tal-kuntratt billi ma saritx minn persuna ġuridika.

30. Nibdew bl-**ewwel aggravju** li fih l-appellanti qiegħda tilmenta mid-

deċiżjoni tal-Bord li jħalli lill-membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni jixhdu waqt is-smigħ li nżamm quddiem l-istess Bord.

31. Filwaqt li tfakkar kif fil-jum tas-smigħ tal-appell hija kienet opponiet b'mod formali għax-xhieda tal-membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni li ġġudikaw l-offerta tagħha, l-appellanti qiegħda tressaq għadd ta' raġunijiet sabiex tfisser għalfejn, fil-fehma tagħha, il-Bord kellu jilqa' l-oġġezzjoni tagħha u ma jħallix lill-membri tal-Kumitat jixhdu.

32. F'dan il-kuntest, Transporter Limited tibda' billi tgħid li ma jagħmilx sens li min jiġġudika jittella' jixhed sabiex jagħti aktar dettalji u raġunijiet dwar id-deċiżjoni tiegħu. Sabiex issaħħaħ dan il-punt, targumenta li huwa inkonċepibbli li Mħallef jew Maġistrat jiġu mitluba biex jixhdu dwar d-deċiżjoni tagħhom fi proċeduri ta' appell dwar dik id-deċiżjoni, u fid-dawl ta' dan, tisħaq li l-Membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni, bħala ġudikaturi tal-offerti, ma kellhomx jitħallew jittressqu bħala xhieda.

33. Iżżid li x-xhieda tal-membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni poġġietha fi żvantaġġ għaliex filwaqt li hija setgħet issejjes l-appell tagħha fuq dak biss li ġie mniżżel fl-ittra *«qasira – u mhux motivat[a]»* li rċeviet mid-Dipartiment appellat fil-11 ta' Settembru, 2023, min-naħa l-oħra, waqt li ġew biex jixhdu, il-Membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni taw raġunijiet aktar dettaljati li għalihom ċaħdu l-offerta tagħha. F'dan l-isfond, tilmenta

li hija ma kellhiex iċ-ċans li tindirizza dawk li ssejħilhom bħala «*motivazzjonijiet ulterjuri»,* li xehdu dwarhom il-membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni li ġġudikaw l-offerta tagħha, u biex issaħħaħ dan, tirreferi għax-xhieda taċ-Ċermen tal-Kumitat li tgħid li dan daħal f'ċertu dettal dwar il-konsegwenzi li setgħet iġġarrab l-awtorità kontraenti li kieku kellha tiġi aċċetta l-offerta tagħha.

34. Tissokta billi tilmenta li wieħed mill-membri tal-Kumitat saħansitra ġab miegħu stqarrija bil-miktub li beda jaqra minnha waqt ix-xhieda tiegħu, u dan biex ikun fi żgur li jlaħħam aktar id-deċiżjoni taċ-ċaħda tal-offerta tagħha. Tagħlaq billi ttenni li minkejja li hija rreġistrat l-oppożizzjoni tagħha għal dik ix-xhieda, dan ix-xhud xorta waħda tħalla jixhed.

35. Fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju m'huwiex mistħoqq, u dan għal aktar minn raġuni waħda.

36. Jibda billi jingħad, li fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet, il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi għandu d-dritt iħarrek xhieda, u għal dan il-għan, il-Bord għandu s-setgħa li jagħti l-ġurament *«lil kull persuna li tidher quddiemu»* (ara **Regolament 92(1) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**). Imkien fil-liġi ma nsibu mniżżel li l-membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni ma jistgħux jitressqu bħala xhieda quddiem il-Bord jew f'xi proċeduri ġudizzjarji, u għalhekk ma jistax jingħad li l-

oġġezzjoni tal-appellanti għax-xhieda tal-membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni hija msejsa fuq xi provvediment tal-liġi.

37. Lanqas ma jista' jingħad li l-oġġezzjoni tal-appellanti, għax-xhieda tal-membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni, issib xi kenn fil-ġurisprudenza. Il-Kumitat ta' Evalwazzjoni huwa bord maħtur mill-awtorità kontraenti li xogħlu huwa li jgħarbel l-offerti riċevuti u li jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwarhom (ara **Regolamenti 2 u 17 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**). Il-Kumitat ta' Evalwazzjoni huwa għalhekk organu amministrattiv u mhux xi organu ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju, u għaldaqstant dawk il-prinċipji ġurisprudenzjali li jgħoddu dwar ix-xhieda ta' mħallfin, maġistrati jew ġudikaturi fi proċeduri ġudizzjarji jew kważi-ġudizzjarji, ma jgħoddux għall-membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni.

38. Lil hemm minn dan u minn aspett prattiku, il-Qorti tqis li huma l-ħafna każijiet ta' din ix-xorta li fihom jitħarrku l-membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni biex jagħtu x-xhieda tagħhom dwar ir-raġunijiet wara r-rakkomandazzjonijiet tagħhom. Fis-sewwa, huma l-membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni li jgħarblu l-offerti u għalhekk dawn huma fost l-iprem xhieda li jistgħu jixħtu l-aktar dawl fuq id-deċiżjoni tal-awtorità kontraenti. Ix-xhieda ta' dawn il-membri hija għalhekk utli ħafna għat-tfittxija tal-verità.

39. Bilkemm hemm għalfejn jingħad, li bħal kull xhud ieħor, il-membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni mhux biss jistgħu jitressqu bħala xhieda minn kull parti, iżda jistgħu wkoll jiġu kontro-eżaminati mill-kontro-parti, u għalhekk, daqskemm ix-xhieda ta' dawn tista' tkun ta' fejda għad-difiża tal-awtorità kontraenti, daqstant ieħor tista' tkun ta' sostenn għall-ilmenti tal-appellant.

40. Filwaqt li dawn il-kunsiderazzjonijiet għandhom ikunu biżżejjed biex iwasslu għaċ-ċaħda tal-ewwel aggravju, sabiex ikun ingħad kollox, il-Qorti tissokta billi tosserva li m'huwa minnu xejn li x-xhieda tal-membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni poġġiet lill-appellanti f'xi żvantaġġ.

41. Minn ħarsa lejn il-kunsiderazzjonijiet li tniżżlu fid-deċiżjoni appellata, jidher ċar biżżejjed li r-raġunijiet ewlenin li għalihom il-Bord ta' Reviżjoni ċaħad l-ilmenti ta' Transporter Limited kienu essenzjalment mibnija fuq dawk li tniżżlu fl-ittra tal-1 ta' Settembru, 2023, li biha d-Dipartiment appellat għarraf lill-appellanti li l-offerta tagħha kienet ġiet imwarrba billi ma tqisitx konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sejħa. M'huwiex għalhekk il-każ li l-Bord ċaħad l-oġġezzjoni ta' Transporter Limited fuq xi raġuni li ma ngħatatilhiex fl-ittra ta' skwalifika tal-11 ta' Settembru, 2023.

42. Anke però li kieku għal ġieħ tal-argument kellhom jittressqu xi raġunijiet ġodda mill-membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni li ma ġewx imniżżla fl-ittra ta' skwalifika, kieku riedet, l-appellanti setgħet titlob li tirregola ruħha, inkluż li tressaq aggravji ġodda waqt l-appell. F'każ bħal dak, il-Bord xorta waħda kien ikollu s-setgħa li jħassar id-deċiżjoni tal-awtorità kontraenti, anke fuq raġunijiet li ma jkunux ingħataw fl-ittra ta' oġġezzjoni u tqajmu waqt is-smigħ (ara ***Alexis Sciberras v. Direttur tal-Kuntratti et.*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2021, u ***Krypton Chemists Limited v. Dipartiment tal-Kuntratti et.*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2017).

43. Fl-aħħar nett, għandu wkoll jingħad li l-fatt innfisu li kien hemm wieħed mill-Membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni li tela' jixhed bi stqarrija preparata bil-miktub f'idejh lanqas ma seta' poġġa lil Transporter Limited f'xi żvantaġġ proċedurali. Mill-minuti tad-deċiżjoni appellata jidher li l-Bord mhux biss talab lil dak ix-xhud sabiex jikkonferma bil-ġurament tiegħu li dawk in-notamenti kienu preparati minnu stess mingħajr ma kkonsulta ma' ħaddieħor, iżda wkoll ordna lill-istess xhud sabiex jurih dawk in-notamenti, kif ukoll sabiex jgħaddi kopja tal-istess lill-partijiet kollha. Fil-fehma tal-Qorti, b'dan il-mod, il-Bord, li b'riħet **Regolament 90(2) u (6) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku** għandu l-jedd li jiddetermina l-proċedura għas-smigħ tal-ilmenti li jitressqu quddiemu u huwa mogħni bis-setgħat kollha li huma vestiti fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

bil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, mexa b'ħarsien sħiħ ta' dak li jipprovdi l-**Artikolu 583 tal-istess Kodiċi** u għalhekk, tħares minn fejn tħares, l-ilmenti tal-appellanti f'dan is-sens lanqas m'huma mistħoqqa.

44. L-ewwel aggravju ta' Transporter Limited ser ikun għalhekk qiegħed jiġi **<u>miċħud</u>**.

45. Ngħaddu issa għat-**<u>tieni</u>, <u>it-tielet</u>, <u>ir-raba'</u>, <u>il-ħames</u>, u <u>is-sitt aggravji</u>** ta' Transporter Limited, li minħabba r-rabta li hemm bejniethom ser ikunu qegħdin jiġu mistħarrġa flimkien. Fis-sewwa, dawn il-ħames 'aggravji' huma sfumaturi tal-istess ilment, u sewwasew jduru madwar il-preġudizzjali ta' Transporter Limited li l-offerta tagħha hija teknikament konformi ma' dak li ġie mitlub fid-dokument tas-sejħa u għalhekk ma kellhiex tiġi skwalifikata.

46. Wieħed mill-argumenti ewlenin ta' Transporter Limited li tressaq fit-<u>tieni aggravju</u> huwa li hija ressqet il-letteratura teknika kollha li kellha tressaq, kemm skont id-dokument tas-sejħa, kif ukoll fuq talba mill-awtorità kontraenti għal rettifika. Tilmenta li l-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi naqas milli jagħti importanza biżżejjed għal dak li kien mitlub fid-dokument tas-sejħa, u dak li ġie mressaq minnha fl-offerta tagħha. Targumenta li mhuwiex permissibbli għall-Kumitat ta'

Evalwazzjoni li jmur lil hemm minn dak li jkun ġie mitlub mid-dokument tas-sejħa, u f'dan ir-rigward, tisħaq li la fid-dokumenti tas-sejħa u lanqas fit-talba għar-rettifika ma kien hemm speċifikat jew mitlub li hija kellha tindika b'mod speċifiku liema tipi ta' għaġin kienet ser tipprovdi matul it-twettiq tal-kuntratt. F'dan l-isfond tgħid li dak li ntalab kien biss l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-għaġin, u tisħaq li hija provdiethom.

47. Fit-<u>tielet aggravju</u> l-appellanti tissokta targumenta li fl-offerta teknika tagħha, hija ntrabtet li tipprovdi l-għaġin skont kif mitlub fid-dokument tas-sejħa. Tfakkar li d-dokument tas-sejħa kien iħalliha f'idejn l-offerent sabiex waqt it-twettiq tal-kuntratt jagħżel liema tip ta' għaġin jissuplixxi, u dan sakemm ikun hemm minn tal-inqas tliet tipi differenti ta' għaġin minn dawk il-ħamsa li ġew speċifikati. Tgħid li għalhekk l-offerent seta' saħansitra jagħżel li jipprovdi ħames tipi ta' għaġin, u ttenni li ma kien hemm imkien mitlub, li fl-offerta tiegħu, l-offerent kellu jispeċifika liema tip ta' għaġin kien ser jipprovdi waqt it-twettiq tal-kuntratt.

48. Argument ieħor ta' Transporter Limited kontra d-deċiżjoni tal-iskwalifika tal-offerta tagħha huwa mbagħad dak li tressaq fir-<u>raba' aggravju</u> u li fih qiegħda tilmenta dwar id-deċiżjoni tal-awtorità kontraenti li tqis li l-letteratura provduta minnha, kienet dwar tipi ta' għaġin li ma ntalbux fid-dokument tas-sejħa. Tgħid li *'spaghettoni'* huma l-istess tip ta' għaġin bħal *'spaghetti',* u targumenta li r-*'rigatoni'* huma tip ta' *'macaroni'*,

għaliex it-tnejn li huma għandhom il-forma ta' tubu. Tfisser li għaliha hija ħaġa tal-għaġeb kif l-awtorità kontraenti fettqet daqstant fuq l-għażla tat-tip ta' għaġin, u dan meta l-prezz tal-offerta tagħha kien orħos minn dak tal-offerta proposta għall-għoti tal-kuntratt.

49. Sfumatura oħra tal-istess argument tressqet fis-sitt aggravju, li fih Transporter Limited ittenni li l-Bord ta' Reviżjoni naqas milli jagħti importanza biżżejjed għall-fatt li l-awtorità kontraenti kienet fiskali żżejjed fl-għarbiel tal-offerta tagħha. Targumenta li ma kienx fl-interess tal-awtorità kontraenti li teskludieha mill-għarbiel finali tal-offerti u dan speċjalment meta skont id-dokument tas-sejħa, l-awtorità kontraenti setgħet titlobha tressaq kampjun tal-prodotti kollha offruti minnha fl-offerta tagħha. Tgħid li bil-mod ta' kif imxiet l-awtorità kontraenti kien hemm nuqqas ta' promozzjoni ta' kompetizzjoni ġenwina, u tgħid li dan l-għemil huwa kuntrarju għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

50. Transporter Limited kompliet tiftaħ aktar fuq l-argument li l-awtorità kontraenti kien messha talbitha tressaq kampjun tal-prodotti offruti minnha fil-ħames aggravju. F'dan l-aggravju, l-appellanti ttenni li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni kellu l-jedd li jitlob lill-offerenti kampjun tal-prodotti tal-ikel li kienu jiffurmaw parti mill-offerta tagħhom. Tisħaq li f'każ bħal dan, meta d-diverġenzi kienu minimi u d-differenza fil-prezz kienet

ta' €82,800, il-produzzjoni ta' dawn il-kampjuni kien essenzjali għaliex kien ineħħi kull dubju li seta' kien hemm. Tinsisti għalhekk, li fiċ-ċirkustanzi, il-Kumitat ta' Evalwazzjoni naqas meta ma talabhiex tagħtih il-kampjuni tal-prodotti offruti minnha. Tilmenta wkoll li dawk il-kampjuni kienu sussegwentement intalbu, però biss wara li l-offerta tagħha ġiet skwalifikata.

51. Fil-fehma tal-Qorti, l-ebda mill-argumenti li tressqu fit-tielet, ir-raba', il-ħames, u s-sitt aggravji ma jistgħu jkunu ta' fejda għall-appellanti.

52. Huwa prinċipju magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li sakemm it-termini ta' sejħa għall-offerti jkunu ċari u mhux ambigwi, l-offerenti bħala, *«a reasonable well-informed and normally diligent tenderer»* huma mistennija li jkollhom għarfien sħiħ u jiffamiljarizżaw ruħhom sewwa ma' dak kollu li jkun mitlub minnhom fir-rekwiżiti tas-sejħa (ara ***Attard Farm Supplies Limited v. Korporazzjoni għas-Servizz tal-Ilma et.***, mogħtija mill-Qorti tal-Appell, fid-29 ta' Awwissu, 2023). Huwa għalhekk miżmum li jekk ir-regoli tas-sejħa jitolbu ċertu tagħrif jew prodott b'ċertu speċifikazzjonijiet, l-offerenti li jieħdu sehem f'dik is-sejħa huma mistennija li joqogħdu għal dawk ir-regoli u jippreżentaw kemm it-tagħrif mitlub minnhom, kif ukoll joffru prodott skont l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti (ara ***Arkafort Limited v. Malta College of Arts Science and Techonlogy (MCAST)***, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar,

2022).

53. Mhemmx għax jingħad li r-rekwiżiti fir-regoli tas-sejħa jitniżżlu biex jiġu mħarsa, u daqskemm l-offerenti għandhom iħarsu dawk ir-rekwiżiti bir-reqqa, daqstant ieħor li l-awtorità kontraenti għandha tiżgura li dawk l-istess rekwiżiti jkunu ġew imħarsa minn kull offerent. Tabilħaqq, il-prinċipji tat-trasparenza u t-trattament ugwali jobbligaw lill-awtorità kontraenti li tosserva b'mod strett il-kriterji li hija stess tkun stabbilixxiet (ara ***Rockcut Ltd v. Malta Industrial Parks Ltd. et.***, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019), u minħabba f'hekk, anke jekk ċertu offerti jkunu aktar vantaġġjużi għall-awtorità kontraneti, dawk l-offerti ma jistgħux jiġu aċċettati sakemm ma jissodisfawx il-kriterji kollha li jkunu ppublikati mal-ħruġ tas-sejħa għall-offerti (ara ***Rectilab Limited v. Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma et.***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ottubru, 2023).

54. Ta' min jiftakar li dawn il-prinċipji jibqgħu jorbtu anke f'każ li l-offerent jidhirlu li xi kundizzjonijiet tas-sejħa ma jkunux jagħmlu sens jew ikunu 'irrilevanti' għaliex ma jagħmlux xi differenza kbira fil-prattika (ara ***All Clean Services Limited v. Ministeru Għall-Edukazzjoni et.***, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-10 ta' Jannar, 2023). La tajjeb jew ħażin, dak ir-rekwiżit ikun jifforma parti mid-dokument tas-sejħa u ma jkunx attakkat f'ħinu u f'waqtu bir-rimedju misjub **f'Regolament 262 tar-**

**Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**, dak ir-rekwiżit għandu xorta waħda jiġi mħares, irrispettivament minn xi tkun il-fehma tal-offerent. Ir-raġuni wara dan hija pjuttost loġika, u dan għaliex jaf ikollok operaturi ekonomiċi li ma jkunux ħadu sehem f'dik is-sejħa għall-offerti għaliex ma kellhomx prodotti bl-ispeċifikazzjonijiet mitluba, jew inkella kellhom jissottomettu offerta bi prezz ogħla u dan biex joqogħdu skruplożament mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mitluba (ara ***Christ Gatt v. Id-Direttur tal-Kuntratti et.****,* mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022).

55. Ingħad ukoll li meta l-għan wara s-sottomissjoni ta' xi dokument ikun sabiex jagħti prova tal-konformità tal-offerta mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sejħa, dak id-dokument ikun meqjus bħala wieħed essenzjali li għalih l-awtorità kontraenti ma tkunx tista' tagħlaq għajnejha u fin-nuqqas tiegħu, l-offerta ma tkunx tista' tiġi kkunsidrata (ara ***Multigas Limited v. Central Procurement and Supplies United et.****,* mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar, 2021).

56. Bi tħaddim ta' dawn il-prinċipji kollha għall-każ tal-lum, il-Qorti titlaq billi tosserva li fid-dokument hekk imsejjaħ bħala *«Technical Offer»,* li kien jifforma parti integrali mid-dokumenti tas-sejħa għall-offerti mertu ta' dan l-appell, l-offerenti ġew mgħarrfa li *«****Bidders are to state the brand <u>and the model</u> of the supplies being offered in response to the specifications requested under Section 3 – Techinical***

***Specifications and Appendix 1»***

57. Fl-istess dokument, l-offerenti prospettivi ġew ukoll mgħarrfa sabiex «***For <u>each</u> item offered, the respective supporting documents and printed manufacturer's technical literature are to be submitted by the bidder as per form marked "Literature***"».

58. Fil-fehma tal-Qorti, l-istruzzjonijiet li għadha kif issir referenza għalihom jitkellmu waħedhom, u meta moqrija flimkien mal-appendiċi tat-Tielet Taqsima tad-dokument tas-sejħa, li fiha l-offerenti ntalbu li jipprovdu minn tal-inqas tliet tipi ta' għaġin minn fost ħames varjetajiet li ġew speċifikati mill-awtorità kontraenti, qajla jitħalla xi dubju, li fl-offerta tagħhom, l-offerenti mhux biss kellhom jispeċifikaw id-ditta tal-prodott flimkien ma<u>l-mudell</u>, iżda wkoll kellhom jissottomettu il-letteratura teknika għal kull prodott offrut minnhom.

59. Minn dan huwa għalhekk diġà evidenti li qiegħda tgħid ħażin l-appellanti meta tisħaq li mid-dokumenti tas-sejħa ma jirriżulta minn imkien li l-offerenti kellhom jispeċifikaw fl-offerta tagħhom it-tip ta' għaġin li kienu ser jipprovdu matul it-twettiq tal-kuntratt u jissottomettu l-letteratura teknika għall-għaġin rispettiv li kien beħsiebhom joffru.

60. Kif sab sewwa l-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi, f'dan

il-każ, in-nuqqas ta' konformità fl-offerta ta' Transporter Limited mar-rekwiżiti tas-sejħa, u dan almenu sa fejn għandu x'jaqsam l-għaġin, hija bil-wisq evidenti.

61. Mill-kopja tal-offerta teknika tal-appellanti li hemm fl-atti, jirriżulta li fis-sottomissjoni tal-offerta tagħha, l-appellanti niżżlet biss l-isem tad-ditta tal-għaġin u naqset milli tispeċifika l-mudell jew tal-inqas it-tip ta' għaġin li kien beħsiebha toffri. Agħar minn hekk, l-appellanti lanqas ressqet xi letteratura jew dokument ieħor b'rabta mal-għaġin.

62. Għandu wkoll jiġi osservat li l-offerta tal-appellanti baqgħet mhux konformi ma' dak mitlub, anke saħanistra wara li ntalbet issewwi n-nuqqasijiet tagħha, b'ittra tas-6 ta' Ġunju, 2023. Tabilħaqq, l-appellanti ma merietx li meta ġiet mitluba biex twieġeb it-talba għar-rettifika tal-offerta tagħha, hija ma ssottomettietx il-letteratura għal tliet tipi ta' għaġin differenti, iżda għal tnejn biss, u sewwasew dawk tat-tip *'spaghettini'* u *'rigatoni'*.

63. Huwa wkoll relevanti li għalkemm fl-ittra ta' oġġezzjoni li ressqet quddiem il-Bord, l-appellanti ppruvat tiġġustifika dan l-għemil billi argumentat li «*[a]ll the Poiatti pasta that was to be utilized in the exection of the tender has the same specifications, notwithstanding the different shapes and forms*», madankollu, hija la għarrfet lill-Awtorità Kontraenti

b'dan fit-tweġiba tagħha għar-rettifika, u wisq anqas ma ssustanzjat is-sottomissjoni tagħha b'xi prova quddiem il-Bord. Il-Kumitat ta' Evalwazzjoni huwa marbut bil-prinċipju tal-awto-limitazzjoni, u żgur li ma setax jiġi mistenni li jassumi li l-għaġin kien kollu tal-istess speċifikazzjonijiet tekniċi fuq is-sempliċi fatt li kien ser ikun tal-istess ditta.

64. Jekk dan ma kienx biżżejjed, fit-tweġiba tagħha għar-rettifika tal-offerta tagħha, l-appellanti saħanistra pprovdiet letteratura għal tip ta' għaġin li ma kienx wieħed mill-ħames tipi ta' għaġin speċifikati fl-appendiċi tat-Tielet Taqsima tad-dokument tas-sejħa. Għalkemm l-appellanti qiegħda tisħaq li l-għaġin tat-tip *'rigattoni'* huwa bħal *'macaroni',* bid-differenza li għandu r-rigi mat-tubu, il-Qorti ma taqbilx u hija tal-istess fehma tal-Bord.

65. Ġaladarba li l-awtorità kontraenti talbet ċertu tipi ta' għaġin, l-appellanti ma setgħetx tagħmel li jfettlilha u toffri tip ieħor, irrispettivament mill-prezz tal-offerta tagħha, jew x'taħseb hi. Mhijiex għalhekk kwistjoni li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni qagħad ifettaq iżżejjed dwar it-tip ta' għaġin offrut minn Transporter Limited, u dan għaliex ġaladarba d-dokument tas-sejħa kien jipprovdi għal ċertu tip ta' għaġin, il-Kumitat ta' Evalwazzjoni ma kellu l-ebda diskrezzjoni li jaċċetta xi tip ta' għaġin ieħor.

66. Bl-istess mod, u għall-istess raġunijiet li għadhom kif qegħdin

jingħataw, kull argument dwar in-nuqqas ta' promozzjoni ġenwina ta' kompetizzjoni mhuwiex fejjiedi. B'żieda ma' dan, u minn kif qegħdin jgħidu sewwa l-Ministeru u d-Dipartiment appellati, jekk l-appellanti tassew dehrilha li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dwar it-tip ta' għaġin li kellu jiġi pprovdut kienu qegħdin joħonqu l-kompetizzjoni, hija setgħet tattakka dik l-ispeċifikazzjoni bir-rimedju mogħti lilha b'riħet **Regolament 262 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku** (ara f'dan is-sens ***Krypton Chemists Limited v. Central Procurement and Supplies Unit***, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2024). La però l-appellanti għażlet li tħalli l-proċess għaddej u ma ressqitx ilment bħal dak fit-terminu mogħti lilha bil-liġi, hija ma tistax issa f'dan l-istadju tattaka dik il-kundizzjoni jew inkella lill-Kumitat ta' Evalwazzjoni għaliex sempliċement qagħad ma' dik il-kundizzjoni (ara ***All Clean Services Limited v. Ministeru għall-Edukazzjoni et.***, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-10 ta' Jannar, 2023).

67. Dwar l-ilmenti tal-appellanti li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni naqas li jitlobha *'sample basket'* huwa mbagħad relevanti l-fatt li fit-talba għar-rettifika tal-offerta tagħha, l-appellanti ġiet imwissija li jekk ma kinitx ser isewwi l-offerta tagħha kif mitlub, l-offerta tagħha kienet ser tkun qiegħda tiġi mwarrba minnufih billi titqies mhux teknikament konformi. F'ċirkostanzi bħal dawn, fejn rajna li l-appellanti ma rrettifikatx l-offerta tagħha bil-mod ta' kif kienet mistennija, l-appellanti żgur li ma setgħetx

tippretendi li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni seta' b'xi mod jew ieħor 'jsalvalha' l-offerta billi jitlobha kampjun fiżiku tal-prodotti offruti minnha.

68. Sfiq ma' dan, il-Bord ta' Reviżjoni osserva wkoll sewwa li fil-*«General Rules Governing Tenders»,* li jiffurmaw parti integrali mid-dokument tas-sejħa għall-offerti (ara taqsima 4.7 tad-dokument tas-sejħa), insibu li l-għan wara t-talba tal-kampjuni huwa *«so that the Evaluation Committee will corroborate the technical compliance of the offers received»* (ara taqsima 16.3, f'paġna 16 tal-*General Rules Governing Tenders*). Ta' min josserva wkoll li fl-istess parti nsibu li *«[w]ithout prejudice to the possibility of requesting rectifications vis-a-vis Literature, if the Literature submitted with the Technical Offer does not corroborate the offer submitted, the tenderer shall be disqualified»*. (ara l-istess taqsima 16.3, f'paġna 16 tal-*General Rules Governing Tenders*).

69. Kif ingħad aktar kmieni, meta ġiet biex twieġeb għat-talba tar-rettifika, l-appellanti naqset milli tipprovdi l-letteratura teknika minn tal-inqas għal tliet tipi ta' għaġin, u fuq hekk biss diġà kellha tiġi skwalifikata minnufih (ara f' dan is-sens ***NQUAYMT konsorzju v. Aġenzija għall-Infrastruttura Malta et.****,* mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022). Agħar minn hekk l-appellanti provdiet għaġin li ma kienx tat-tip imsemmi fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, u ġaladarba kien diġà evidenti għall-Kumitat ta' Evalwazzjoni li l-offerta tal-appellanti ma kinitx

teknikament konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sejħa, f'dak l-istadju, il-Kumitat ma kien fadallu xejn aktar 'x'jikkorrobora' dwar il-konformità teknika tal-offerta tal-appellanti.

70. Fi kliem ieħor, ġaladarba li l-appellanti ressqet għaġin li ma kienx tat-tip mitlub mill-awtorità kontraenti, kien ikun kollu ta' xejn li hija tintalab tressaq kampjun ta' dak it-tip ta' għaġin, għax l-offerta tagħha xorta waħda ma kinitx ser tkun konformi. Naturalment, f'dak l-istadju, l-appellanti lanqas ma setgħet titħalla tressaq xi tip ta' għaġin ieħor minflok dak li ma kienx konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, u għalhekk huwa kollu ta' xejn li l-appellanti qiegħda tinsisti li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni kellu jitlobha *'sample basket'*.

71. Tħares minn fejn tħares, din il-Qorti ma ssib għalhekk xejn ħażin fil-fatt li l-offerta tal-appellanti ġiet imwarrba billi tqiset teknikament mhux konformi, u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha li għadhom kif jingħataw, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt aggravji qegħdin jiġu **<u>miċħuda</u>**.

72. Fis-**<u>seba' aggravju</u>**, l-appellanti tagħmel imbagħad referenza għall-kriterju tal-għażla għal din is-sejħa għall-offerti u sewwasew dak ta' l-orħos offerta li tissodisfa l-kriteriji tekniċi u amministrattivi. Fid-dawl ta' dan u tal-fatt li l-offerta tagħha kienet €82,800 orħos minn dik li ġiet

eventwalment proposta għall-għoti tal-kuntratt, tilmenta li n-nuqqas t'għażla tal-offerta tagħha wassal għall-ksur tal-prinċipju tal-proporzjonalità.

73. Fil-fehma tal-Qorti, ftit li xejn hemm x'jingħad dwar dan l-aggravju. Il-fatt innifsu li l-offerta tal-appellanti setgħet kienet l-orħos waħda, ma jfissirx li din kellha tiġi aċċettata akkost ta' kollox. La kif rajna, l-offerta tal-appellanti ma kinitx teknikament konformi mar-rekwiżiti tas-sejħa, u l-appellanti baqgħet ma rrisponditx b'mod sodisfaċenti għat-talba għar-rettifika tal-offerta tagħha, l-appellanti ma tistax tippretendi li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni kellu jipproponi l-offerta tagħha għall-kisba tal-kuntratt mertu tas-sejħa pubblika, u dan irrispettivament mill-prezz offrut minnha. M'hemm għalhekk xejn disproporzjonat fil-fatt li l-offerta tagħha ma ntgħażlitx għalkemm kienet l-orħos waħda għall-awtorità kontraenti (erġa' ara ***NQUAYMT konsorzju v. Aġenzija għall-Infrastruttura Malta***, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022).

74. Is-seba' aggravju qiegħed għalhekk jiġi wkoll **miċħud**.

75. Jifdal biss it-**tmin aggravju** li fih l-appellanti qiegħda tqajjem l-argument li 'DC Property Services' mhijiex persuna legalment kapaċi li tikkuntratta u għalhekk l-offerta tagħha ma setgħetx tkun dik proposta għall-kisba tal-kuntratt. Tgħid li 'DC Property Services Limited', la hija

kumpanija, la assoċjazzjoni u lanqas mhi persuna fiżika, u konsegwentement, l-aġġudikazzjoni ma saritx favur persuna ġuridika li hija legalment mogħnija bis-saħħa legali li tikkuntratta u tobbliga ruħha li tosserva t-termini stretti tas-sejħa pubblika mertu ta' dan l-appell.

76. Kif qegħdin jgħidu sewwa l-appellati, dan l-aggravju ma jistax jirnexxi għaliex ma tressaqx fl-ittra ta' oġġezzjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi. Ingħad kemm-il darba minn din il-Qorti li f'appelli bħal dawn, l-appellant ma jistax iqajjem aggravji ġodda li ma jkunux tqajmu quddiem il-Bord ta' Reviżjoni, u dan proprju għaliex, strettament, din il-proċedura hija appell mid-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni (ara f'dan is-sens: ***SaniClean Joint Venture v. St. Vincent de Paul Long Term Care Facility et.***, mogħtija mill-Qorti tal-Appell, fil-20 ta' Lulju, 2020).

77. Irrispettivament minn dan, jibqa' però xorta waħda l-fatt li dan l-aggravju mhuwiex tajjeb għaliex mill-atti jidher ċar li l-offerta proposta għall-għoti tal-kuntratt ma ntefgħetx minn 'DC Property Services', iżda minn Daniel Cassar f'ismu proprju. Żgur li għalhekk mhuwiex il-każ li l-offerta rakkomandata għall-kisba tal-kuntratt tressqet minn xi ħadd li m'għandux personalità ġuridika.

78. It-tmin aggravju qiegħed għalhekk jiġi wkoll **miċħud**.

79. Filwaqt li minn dan kollu jirriżulta li l-ebda mill-aggravji ta' Transporter Limited mhuma mistħoqqa, madankollu l-Qorti ma taqbilx mal-Ministeru u d-Dipartiment appellati li l-appell kien wieħed li jxaqleb lejn il-fieragħ jew inkella sar bil-għan ta' inkejja u għalhekk ma tarax li għandha tħaddem is-sanzjoni mitluba minnhom.

80. Fuq kollox, il-Qorti lanqas ma tara li f'appelli bħal dawn tista' tapplika l-provvedimenti tal-**Artikolu 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, u dan għaliex, ġaladarba li dawn l-appelli huma regolati b'liġi speċjali li hija r-**Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku** u dawk ir-Regolamenti jipprovdu għal sanzjoni simili f'regolament speċifiku li jitkellem dwar appelli fiergħa jew vessatorji (**Regolament 288 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**), huma s-sanzjonijiet imsemmija fil-liġi speċjali li għandhom japplikaw u dan dejjem bis-saħħa tal-prinċipju, *lex specialis derogat legi generali.*

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell ta' Transporter Limited u tikkonferma d-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi ta' nhar it-23 ta' Ottubru, 2023.

Filwaqt li Transporter Limited għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-appellat Daniel Cassar, fil-kumplament, l-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jinqasmu fis-sehem ta' tliet kwarti (3/4) minn Transporter Limited u kwart (1/4) mil-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal u d-Dipartiment tal-Kuntratti *in solidum*.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss